2023/2671

28.11.2023

**DEĊIŻJONI (UE) 2023/2671 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-22 ta' Novembru 2023**

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE biex testendi l-perjodu tranżitorju tar-rescEU**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 196 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tiddefinixxi l-qafas legali tar-rescEU. Ir-rescEU għandha l-għan li tipprovdi assistenza f'sitwazzjonijiet urġenti fejn il-kapaċitajiet eżistenti ġenerali fil-livell nazzjonali u dawk impenjati minn qabel mill-Istati Membri għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma jkunux jistgħu jiżguraw rispons effettiv.

(2) B'temperaturi li qed jogħlew u perjodi twal ta' nixfa, ir-riskju ta' nirien fis-selvaġġ fl-Unjoni qed jespandi u n-nirien fis-selvaġġ qed isiru aktar frekwenti u aktar intensi. Id-disponibbiltà limitata ta' kapaċitajiet ta' rispons speċjalizzati, inklużi l-kapaċitajiet amfibji tat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, għadha ta' tħassib kbir u tikkostitwixxi l-isfida operazzjonali ewlenija tal-Unjoni meta tiffaċċja nirien simultanji fis-selvaġġ.

(3) Fid-dawl tal-flessibbiltà neċessarja li ngħatat mill-perjodu tranżitorju previst fid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel lejn l-implimentazzjoni sħiħa tar-rescEU, huwa kruċjali li dak il-perjodu tranżitorju jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2027 biex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tiżgura kapaċitajiet addizzjonali tar-rescEU mill-ajru fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili filwaqt li l-flotta Ewropea permanenti tat-tifi tan-nar fil-foresti qed tiġi stabbilita gradwalment.

(4) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tkompli tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-nirien fis-selvaġġ sakemm tiġi stabbilita flotta permanenti Ewropea tat-tifi tan-nar tal-foresti mill-ajru, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tiġi emendata skont dan,

([1]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2023 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2023.
([2]) Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendar tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE**

Fl-Artikolu 35 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, fl-ewwel paragrafu, id-data “1 ta’ Jannar 2025” hija sostitwita bid-data “31 ta’ Diċembru 2027”.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta’ Novembru 2023.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
R. METSOLA

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
P. NAVARRO RÍOS